Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 358/2014

**Joseph Attard (appellat)**

**Vs**

**Samy El Saghir (ID 157101L) (appellant), Isabelle El Saghir (ID 306962M) u S.E. Link Limited (C 17948)**

18 ta' Diċembru, 2018.

1. Permezz ta' rikors preżentat fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-4 ta' Novembru 2014, ir-rikorrent harrek lill-intimati u talab il-hlas ta' disgħat elef Ewro (€9,000) ghal self brevi manu u ħlasijiet li saru lil terzi fuq struzzjonijiet tal-intimat Samy El Saghir, bl-ispejjeż.

2. Samy El Saghir, filwaqt illi wieġeb illi din il-kawża hija konnessa mal-proċeduri '***Joseph Attard vs Samy El Saghir et***' pendenti quddiem it-Tribunal Għal Talbiet Żgħar (Talba Numru 734/2014VG), ċaħad li qatt issellef l-allegata somma ta' €9,000 mingħand ir-rikorrent jew li għandu jagħtih kwalsiasi flejjes. Eċċepixxa iżda li kwalunkwé flejjes mgħoddija lilu kienu in konsiderazzjoni ta' xogħlijiet esegwiti fuq struzzjonijiet ta' l-istess rikorrent.[1]

3. Is-soċjetà S.E. Link Limited[2] u l-intimata l-oħra Isabelle El Saghir,[3] filwaqt li ċaħdu l-pretensjonijiet tar-rikorrent, it-tnejn wieġbu li m'għandhom l-ebda relazzjoni ġuridika miegħu.

4. B'sentenza tat-18 ta' Jannar 2018, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) iddeċidiet billi:

> **Laqgħat** l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà S.E. Link Limited kif ukoll ta' l-intimata Isabelle El Saghir u lliberathom mill-osservanza tal-ġudizzju,
>
> **Ċaħdet** l-eċċezzjonijiet kollha ta' l-intimat Samy El Saghir,

[1] Fol. 7.
[2] Fol. 8.
[3] Fol. 11.

**Laqgħat** it-talba attriċi limitatament fil-konfront ta' l-intimat Samy El Saghir, u għalhekk

**Ikkundannat** lill intimat Samy El Saghir iħallas lir-rikorrent Joseph Attard is-somma ta' disat elef ewro (€9,000) rappreżentanti flejjes mgħoddija lill Samy El Saghir mir-rikorrent u qatt ritornati.

Bl-ispejjez u imgħax kalkolabbli mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv a kariku tal-intimat Samy El Saghir.

5. Fis-7 ta' Frar, 2018 Samy El Saghir appella mis-sentenza bl-aggravji jkunu:

(i) għalkemm l-ewwel Qorti ddeċidiet li ma jirriżultax li hemm self, xorta għaddiet biex laqgħet it-talbiet attriċi;
(ii) in kwantu l-ewwel Qorti sabet li ġie ppruvat jedd li ma jinkwadrax ruħu fit-talba oriġinali, ma tatx l-opportunità lill-appellant biex ilesti d-difiża tiegħu *a tenur* tal-artikolu 213 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;
(iii) mhux minnu li ma ressaqx prova in sostenn tad-difiża tiegħu;
(iv) l-ewwel Qorti naqset milli teżamina l-lista ta' messaġġi estratti mil-*mobile* tar-rikorrent minn fejn jirriżultaw numru ta' ineżattezzi u skorrettezzi; u
(v) huwa ma kellu qatt jiġi kundannat iħallas l-ispejjeż tal-intimati l-oħra peress li dawn ġew imħarrka kappriċċożament.

6. L-appellat wieġeb illi s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma fl-intier tagħha.

<u>**Ikkunsidrat**</u>**:**

7. Illi permezz tal-<u>ewwel aggravju</u> tiegħu l-appellant jilmenta illi għalkemm l-Ewwel Qorti ddeċidiet li ma jirriżultax li hemm self, xorta waħda għaddiet biex laqgħet it-talbiet attriċi abbażi ta' *causa* differenti, ossija, li r-rikorrent kien għadda l-flus in kwistjoni lill-intimat bħala investiment f'proġetti li dan tal-aħħar kien involut fihom:

> *'Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi ghalkemm ir-rikorrent ighid bil-gurament li l-intimat kien talbu jisilfu xi flejjes, u dawna f'zewg okkazzjonijiet, attwalment tali flejjes ma inghaddewx b'self, kif jikkontendi r-rikorrent, izda kienu investimenti illi kien qieghed jaghmel ir-rikorrent f'progett illi l-intimat kien involut fihom.*

> *Jirrizulta, di fatti, illi l-ewwel somma ta' €4,000 inghaddiet lill-intimat wara illi dana qallu li investiment ta' €4,000 kien jirrendilu €200 fi profitt f'temp ta' tlett gimghat, filwaqt illi t-tieni somma ta' €5,000 kienet ser tirrendilu €450 fi profitt f'temp ta' tlett xhur.*
>
> *Jirrizulta, ghalhekk, illi a differenza ta' l-impressjoni illi ta r-rikorrent fil-proceduri odjerni,* ***dawna l-flejjes ma gewx mislufa lill-intimat, izda gew mghoddija lill-intimat sabiex bi shab jaghmel investiment mieghu illi eventwalment lir-rikorrent kienet ser trendilu profitt.'***

8. M'huwiex korrett l-intimat li fl-ewwel aggravju argumenta li l-ewwel qorti, *"... baqghet ma individwat l-ebda causa. La qalet jekk humiex self, depozitu, investiment ecc. Xejn minn dan sempliċement flus mgħoddija u qatt ritornati – anke hawnhekk l-appellanti iħoss illi l-ewwel qorti kellha semmai tindika iswed fuq l-abjad il-causa"*. L-intimat m'għandux raġun. L-ewwel qorti kkonkludiet li l-flus ingħataw lill-intimat, *"... sabiex* ***bi sħab jagħmel investiment miegħu illi eventwalment lir-rikorrent kienet ser trendilu profitt"***.

9. Fil-fehma tal-qorti l-ewwel qorti għamlet distinzjoni bejn self u investiment, meta ma kienx il-każ. Hu evidenti li l-ewwel qorti m'emmnitx il-verżjoni tal-konvenut li l-ħlasijiet li saru mill-attur oġġett ta' din il-kawża, saru bħala pagamenti għal xogħol li wettaq il-konvenut fuq inkarigu tal-attur. Għal dak li jirrigwarda investiment, m'hemmx prova li fir-rigward tas-somma kapitali kellu jkun hemm xi riskju għall-attur. Għal din il-qorti, investiment iġorr miegħu element ta' riskju, irrispettivament huwiex baxx jew għoli. F'dan il-każ m'hemmx prova li kellu jkun hemm element ta' riskju għall-attur. Din il-qorti hi tal-fehma li jekk wieħed kellu jemmen il-verżjoni tal-attur, l-uniku konklużjoni li l-ewwel qorti kellha tasal għaliha kienet li l-attur silef flus lill-konvenut li ma tħallsux lura. Kuntrarjament għal dak li tat x'tifhem il-qorti, il-fatt li s-somma ta' €4,000 kellha trendi lill-attur qliegħ ta' €200 fi żmien tlett ġimgħat filwaqt illi t-tieni somma ta' €5,000 kellha trendilu €450 fi qliegħ f'perjodu ta' tlett xhur, ma jfissirx li b'daqshekk ma kienx hemm self iżda investiment. L-attur silef ammont ta' flus lill-konvenut, u kellu jagħmel qliegħ iktar mill-imgħax li tikkontempla l-liġi.

10. L-artikolu 213 tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jipprovdi li jekk ma tiġix ippruvata t-talba kif imfissra fir-rikors, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tista' tiddeċiedi dwar jedd ieħor li jiġi ppruvat:

> *'213. Fl-ewwel grad, fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-ġurisdizzjoni tagħha inferjuri, jekk ma tiġix ippruvata t-talba kif imfissra fir-rikors, iżda* ***jiġi ppruvat jedd ieħor għad li dan il-jedd l-ieħor***

***ma jkunx jidħol sewwa fit-talba oriġinali, il-qorti tista' tiddeċiedi fuq dan il-jedd l-ieħor kif ikun ġie hekk ippruvat****, fuq l-istess rikors:*

*Iżda l-qorti tista', meta mitluba jew jidhrilha meħtieġ li jsir hekk, tagħti żmien qasir biex il-konvenut ikun jista' jlesti d-difiża tiegħu biex jopponi dak il-jedd l-ieħor:*

*Iżda l-qorti ma tista' f'ebda każ tagħti ammont akbar minn dak mitlub bit-talba oriġinali.'*

11. Madankollu u f'kull każ tiddeskriviex il-ftehim bħala self jew investiment ma kienx ser jagħmel differenza għall-konvenut għaliex fil-meritu ddefenda ruħu billi argumenta li l-flus irċevihom bħala ħlas għal xogħol li għamel fuq inkarigu tal-attur.

12. Dwar il-meritu il-konvenut argumenta li l-ewwel qorti eżaminat il-messaggi fir-rapport peritali selettivament u t-teżi li dawn il-flejjes għaddew lill-intimat bħala investiment ma ssib l-ebda konfort fil-provi prodotti.

13. Dwar l-apprezzament tal-provi fil-prim' istanza:

*'Huwa paċifiku li* ***f' materja ta' dixxiplina tal-proċeduri, Qorti tat-tieni grad bħala regola ma tiddisturbax ir-regolament tal-Qorti tal-ewwel grad jekk mhux verament għal motivi gravi****, dak li fil-fehma tal-Qorti ċertament hawn m' huwiex il-każ. Dan għaliex mill-provvedimetni tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili l-andament tal-kawża huwa sostanzjalment, anké jekk forsi mhux assolutament, imħolli fid-diskrezzjoni tal-Qorti. Kif drabi oħra ingħad "din il-fakultà hija soġġetta għall-prinċipji ġenerali tar-raġuni prattika u l-grad ta' din il-fakultà imbgħad jiddependi mill-ġudikant, u tista' ukoll toxxilla skont il-personalità ġuridika li jipposjedi l-ġudikant" –* ***Perit Giudo Vella -vs- Dr. Emmanuel Cefai****, Appell Ċivili, 14.01.1993'.*[4]

14. Madanakollu l-ġurisprudenza tipprovdi wkoll illi:

*'... bħal fil-każ ta' kull regola oħra jeħtieġ li jiġu senjati l-veri limiti tal-prinċipju. Hekk jinsab ukoll sew affermat illi meta din il-Qorti tkun konvinta li tkun ser tiġi kaġonata inġustizzja manifesta, hi għandha, b' dover, l-obbligu li tissindika dak l-apprezzament u anké tasal għal konkluzjoni diversa minn dik li tkun waslet għaliha l-qorti ta' l-ewwel grad. Jokkorri għalhekk li jiġu ri-eżaminati l-fatti provati biex minnhom tara jekk jeżistux "raġunijiet gravi li jwassluha għall-konvinċiment illi dik il-Qorti ma setgħetx ma kienetx żbaljata fl-apprezzament tagħha. Raġunijiet li jwassluha għall-konvinzjoni illi jekk ma tissostitwix l-apprezzament tagħha ta' dawk il-provi għal dawk ta' l-ewwel*

[4] ***Korporazzjoni Telemalta v Hili Diane***, Qorti tal-Appell Inferjuri (Imħallef P. Sciberras) 15.122003.

*Qorti tkun ser tiġi krejata inġustizzja manifesta" - "**Joseph Walker nomine -vs- Raymond Pizzuto**", Appell, 6 ta' Ottubru 1999 u "**Emily Stivala et -vs- George Pace**", Appell mill-Bord, 6 ta' Ottubru 2000".*[5]

15. Dan ifisser illi:

> *'... fejn, wara ri-kunsiderazzjoni tal-atti kollha proċesswali, jitnissel fiha l-konvinċiment illi l-provi prodotti **ma kinux u ma setgħux iwasslu għall-konkluzjoni raġġunta**, il-Qorti ta' reviżjoni kienet fid-dmir li tiddelibera s-sentenza u anké tqegħda in disparte*[6]

16. Mill-atti jirriżultaw is-segwenti:

- Is-somma ta' €9,000 li r-rikorrent qiegħed jippretendi rifużjoni tagħha tirreferi għas-segwenti trasferimenti li saru permezz tal-*internet banking:*

    - *12JAN12 – 24X7 TR MR. SAMY EL SAGHIR LOAN - €4,000*
    - *08MAY12 – 24X7 TR S.E. LINK LIMITED TRANSFER - €3,000*
    - *08MAY12 – 24X7 TR MRS ISABELLE EL SAGH TRANSFER €2,000*[7]

- Fix-xhieda tiegħu tal-11 ta' Ġunju 2015 ir-rikorrent qal li kien silef dawn il-flus lill-intimat għaliex kien hemm relazzjoni tajba bejniethom u dan ta' l-aħħar kellu xi proġetti barra minn Malta u kellu bżonn il-flus. Mistoqsi għaliex ma sar xejn bil-miktub wieġeb li ma ħassx il-bżonn ladarba l-flus ingħataw permezz tal-*internet banking*.[8] Ċaħad li l-flus ingħataw bħala pagament għall-*website* li huwa kien inkariga lill-intimat Samy El Saghir biex joħloqlu.[9] Fix-xhieda tiegħu tat-13 ta' Ottubru 2016 tenna illi:

    > *'... meta talabni biex insellfu l-flus hu għalih kien kollu investiment, qed tifhem? Allura hu kien jgħidli – isma' business, investment jiġifieri. Dan, skużani ħallejtha d-dar dik l-email fejn qed jikkonferma li hu għandu żewġ proġetti. L-ewwel proġett kont selliftu l-flus u kien tahomli mbgħad lura. U t-tieni proġett li huwa dan.'*[10]

- Ir-rikorrent jgħid li oltré b'messaġġi telefoniċi, huwa ikkomunika mal-intimat Samy El Saghir permezz ta' Skype[11]. Il-prova li hemm huma

[5] ***Pirotta Rita vs Carbonaro Simon***, Qorti tal-Appell Inferjuri (Imħallef P. Sciberras) 17.11.2004.
[6] ***Chircop Stephen vs Caruana Mary Grace,*** Qorti tal-Appell Inferjuri (Imħallef P. Sciberras) 28.04.2004.
[7] Fol. 21 – 22.
[8] Fol. 28.
[9] Fol. 27 *et seq*.
[10] Fol. 116.
[11] Fol. 107.

messaġġi li ġew elevati mill-*mobile phone* li r-rikorrent qal li kien juża fiż-żmien in kwistjoni. Fost dawn il-messaġġi jirriżultaw is-segwenti:

- *12.01.2012 – From +35699039233 – 'Joe, if you want to invest Euro4000 for 3 weeks with profit of Euro 200 let me know by today*
- *12.01.2012 – From +35699039233 – 'Pls tran today if you can the Euro4000 BOV Acc: 40012543599 with description Loan. send me SMS when you do it pls.'*
- *21.03.2012 – From +97334364661 – 'Joe, there is a problem in trans money from Egypt. I will pay you from my acc in Malta today at night. will send you SMS to confirm.'*
- *05.05.2012 – From +35699039233 – 'I have the new project coming. Big one. Will take about 3 months. Do you want to invest? And if yes. How much?'*
- *07.05.2012 – To +35699039233 – 'so how will be my profit'*
- *07.05.2012 – From +35699039233 – 'Estimated profit of this project is about 9-10% for about 3 months. So it is about 40% per year? Is this ok with you?'*
- *07.05.2012 – From +35699039233 – 'About euro 450 in 3 months'*
- *07.05.2012 – To +35699039233 – 'ok Than call me later'*
- *08.05.2012 – From +97334364661 – 'Good morning. pls trans Euro 3000 to Acc 40014928497 SE link ltd and Euro 2000 to 40020528771 acc I. El Saghir. send me MS when done pls'*
- *08.05.2012 – To +35699039233 – 'Transfer done'*

- L-intimat isostni[12] iżda li r-rikorrent kien talab il-konsulenza tiegħu sabiex jibni *sports website* u peress li hu ma jagħmilx dan ix-xogħol, ipprovdilu dan is-servizz tramite kumpannija estera għall-prezz aħħari ta' €17,700 li kien jinkludi l-proġett inizzjali u proġetti oħra li żdiedu maż-żmien. Ċaħad li l-messaġġi telefoniċi li ġew estratti miċ-ċellulari eżebit mir-rikorrent ġew mibgħuta minnu u saħaq li dawn ġew editjati / fabbrikati mir-rikorrent. Mistoqsi mill-Qorti jekk għandux xi dokumentazzjoni li turi x'servizzi rċieva u ħallas f' isem ir-rikorrent jgħid li ma kellu l-ebda dokumentazzjoni għaliex dawn is-servizzi kienu inklużi ma proġett akbar biex jingħata rata aħjar. In kontro-eżami[13] qal illi lir-rikorrent ma taħ l-ebda rċevuti fiskali u lanqas *invoices.* Tenna li huwa ma kienx bagħat il-messaġġi telefoniċi elenkati fir-rapport peritali u li dawn kienu ġew falsifikati mir-rikorrent. Ikkonferma li huwa kien ħallas lill-kumpanijja terza li bniet is-sit mill-flus tiegħu f' Bahrain direttament u li ta struzzjonijiet lir-rikorrent biex jiddepożita flejjes fil-kont tiegħu u tal-intimati l-oħra direttament sabiex jevita dewmien u *transfer charges.* Ċaħad ukoll li d-dokument a fol. 183 ġie miktub jew iffirmat minnu liema dokument

[12] Fol. 130 – 148.
[13] Fol. 171 – 182.

jirreferi għal somma oħra r-rikorrent odjern allegatament silef lill-intimat Samy El Saghir.

- Permezz ta' email datata 4 ta' Ottubru 2013, l-appellant bagħat lir-rikorrent appellat *authorisation info* dwar id-*domain*, *source code* u d-*database* tal-website surriferita.[14]

- Jirriżulta wkoll li fl-4 ta' Novembru 2014 ir-rikorrent ippreżenta kawża oħra kontra l-intimati Samy El Saghir u S.E. Link Limited[15] sabiex jingħata lura s-somma ta' €2,500 rappreżentanti ħlas effetwat lilhom għal xogħlijiet li kellhom isiru fuq *live website*; ***Joseph Attard vs Samy El Saghir et*** (Talba Nru. 734/2014VG). B'sentenza tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar tad-29 ta' Settembru 2016,[16] it-talba tar-rikorrent kienet miċħuda in kwantu ġie deċiż li l-proġett tal-*website* kien sar bi sħab bejn il-partijiet u għalhekk ir-rikorrent ma kienx intitolat jitlob lura l-flus minnu nvestiti fil-*website* sempliċement għaliex l-imsemmi proġett ma rnexxiex. Deċiżjoni li ma ġietx appellata.

17. Filwaqt li huwa fatt inkontestat li l-flus in kwistjoni ġew trasferiti mir-rikorrent lill-intimati fuq struzzjonijiet tal-intimat Samy El Saghir, hemm bosta affarijiet li ma jinkwadrawx fil-verżjonijiet tal-partijiet dwar ir-raġuni wara dawn it-trasferimenti. Da parti waħda hemm it-teżi tar-rikorrent li silef dawn il-flejjes lill-intimat Samy El Saghir b'tant leġġerezza u li effettwa żewġ trasferimenti ulterjuri fis-somma komplessiva ta' €5,000 fit-8 ta' Mejju 2012 għalkemm ma jirriżultax li huwa kien tħallas lura s-somma ta' €4,000 li huwa kien ittrasferixxa lill-intimat Samy El Saghir fit-12 ta' Jannar 2012 għall-perjodu ta' tlett ġimgħat bi profitt ta' €200. Min-naħa l-oħra l-intimat qal li l-flus jirrapreżentaw pagamenti għal servizzi reżi iżda ppreżentax fatturi jew irċevuti għall-imsemmija pagamenti u lanqas kien f' pożizzjoni li jippreżenta xi korrispondenza mas-soċjetà estera li qal li qabbad sabiex tagħmel il-website. Lanqas ma ppreżenta riċevuti jew fatturi maħruġa mill-kumpannija barranija għax-xogħol li suppost sar.

18. Pero' l-qorti hi tal-fehma li t-tagħrif li nġabar mill-espert tekniku Kurt Mahoney mill-mobile tar-rikorrent, jagħti kredibbilta' lill-verżjoni tar-rikorrent u jikkontradiċi l-verżjoni tal-konvenut. L-intimat isostni li sms's li l-espert tekniku ġabar mill-mobile tar-rikorrent, m'humiex messaġġi li bagħat hu lir-rikorrent imma li ntbagħatu mir-rikorrent lilu nnifsu qabel ta l-mobile lill-

[14] Fol. 169.
[15] Fol.11.
[16] Fol. 149 – 168.

espert tekniku. Għalkemm l-intimat spjega kif wasal sabiex ikollu dan is-suspett (ara raba' aggravju), jibqa' l-fatt li fuq bażi ta' probabbilta m'hemmx provi sodisfaċenti li jikkonfortaw is-suspett li qal li għandu. Kieku ried waqt il-ġbir tal-provi l-intimat kellu kull opportunita' li jitlob lill-qorti sabiex testendi l-inkarigu tal-espert tekniku sabiex jagħti opinjoni dwar dak li qiegħed isostni. Qorti m'għandhiex l-għarfien tekniku sabiex tasal għal xi konklużjoni li mid-data li hemm fir-rapport tal-espert inkarigat mill-qorti, dak li allega r-rikorrent għandu mis-sewwa. Il-qorti qrat il-ħafna messaġġi li l-espert tekniku rnexxielu jiġbor, u li jinkludu messaġġi li ma jikkonċernawx lill-intimat, u ma ssib l-ebda raguni ghalfejn l-ewwel qorti ma kellha qatt tikkonkludi, *"Madankollu wara illi rat il-messaġġi kollha fid-dettall u rat ir-rapport tal-espert tagħha, il-Qorti tqis illi l-messaġġi kollha huma indikazzjoni tat-transazzjonijiet u ftehim illi kienu għaddejjin bejn il-partijiet"* (ara paġni 5 sa 7 tas-sentenza).

19. Inoltre, għalkemm b'rikors preżentat fid-19 ta' Mejju, 2016 ta x'jifhem li ried jagħmel domandi lill-espert tekniku, dawn baqgħu ma sarux wara li fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2017 l-intimat iddikjara li ma kellux domandi x'jagħmel lill-perit tekniku.

20. L-ahhar aggravju hu dwar il-kap tal-ispejjeż. Filwaqt li l-ewwel qorti lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju lil Isabelle El Saghir u SE Limited Limited, ikkundannat lill-intimat sabiex ihallas l-ispejjeż kollha tal-kawża. Hu fatt li r-regola ġenerali hi li t-tellief f'kawża għandu jħallas għall-ispejjeż. Pero' hu fatt ukoll li l-ewwel qorti kkonkludiet li l-imsemmija persuni ma kellhomx jitħarrku bħala intimati għaliex *"... l-benefiċjarju aħħari ta' dawna l-flejjes kien l-intimat Sami El Saghir, u għalhekk għandu jagħmel tajjeb għalihom hu"*. Ladarba l-imsemmija persuni tħarrku inutilment mir-rikorrent, għandu jagħmel tajjeb għall-ispejjeż tagħhom.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-ewwel erba' aggravji u tilqa' l-ħames aggravju u tvarja s-sentenza tat-18 ta' Jannar, 2018 <u>biss</u> fis-sens li tordna li r-rikorrent għandu jħallas l-ispejjeż tal-intimati li ġew liberati mill-osservanza tal-ġudizzju. Għall-kumplament il-parti dipożittiva ta' dik is-sentenza hi konfermata.**

**Spejjeż tal-appell jinqasmu in kwantu għal 90% a karigu tal-appellant u 10% a karigu tal-appellat Attard.**

Anthony Ellul.